

**IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/130****tat-3 ta' Frar 2021****li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 dwar l-entrata għar-Renju Unit fil-lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti li minnhom jistgħu jiġu importati ċerti prodotti tat-tjur lejn l-Unjoni u jsir tranżitu minnha fir-rigward tal-influenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-frażi introdutturja tal-Artikolu 8, l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 8, il-paragrafu 4 tal-Artikolu 8, u l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju, u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqqis minn pajjiżi terzi <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 23(1), 24(2) u 25(2) tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 <sup>(3)</sup> jistabbilixxi r-rekwiżiti dwar iċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni lejn l-Unjoni u t-tranżitu minnha, inkluż il-ħżin waqt it-tranżitu, tat-tjur u l-prodotti tat-tjur ("il-prodotti"). Jipprevedi li l-komoditajiet jistgħu biss jiġu importati fl-Unjoni jew jgħaddu minnha bi tranżitu, mill-pajjiżi terzi, it-territorji, iż-żoni jew il-kompartimenti elenkati fil-kolonna 1 u 3 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tiegħu.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 jistabbilixxi wkoll il-kundizzjonijiet biex pajjiż terz, territorju, żona jew kompartiment ikunu jistgħu jitqiesu ħielsa mill-influenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja (HPAI).
- (3) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Ftehim dwar il-ħruġ), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, id-Direttivi 2002/99/KE u 2009/158/KE, kif ukoll l-atti tal-Kummissjoni bbażati fuqhom, japplikaw għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ.
- (4) Għalhekk, ir-Renju Unit, għajr għall-Irlanda ta' Fuq, qed jiġi elenkat fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 bħala pajjiż terz li minnu huma awtorizzati l-importazzjoni fl-Unjoni u t-tranżitu minnha ta' ċerti prodotti tat-tjur tal-irziezet minn ċerti partijiet tat-territorju proprju skont il-preżenza tal-HPAI. Dik ir-reġjonalizzazzjoni tar-Renju Unit hi stabbilita fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/24 <sup>(4)</sup>.
- (5) Fis-27 ta' Jannar 2021, ir-ir-Renju Unit ikkonferma il-preżenza tal-HPAI tas-sottotip H5N8 f'azjendi tat-tjur fil-Gżira ta' Anglesey f'Wales.

<sup>(1)</sup> ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.

<sup>(2)</sup> ĠU L 343, 22.12.2009, p. 74.

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti li minnhom jistgħu jiġu importati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1)

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/24 tat-13 ta' Jannar 2021 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 dwar l-entrata għar-Renju Unit fil-lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti li minnhom jistgħu jiġu importati ċerti prodotti tat-tjur lejn l-Unjoni u jsir tranżitu minnha fir-rigward tal-influenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja (ĠU L 11, 14.1.2021, p. 1).

- (6) L-awtoritajiet veterinarji tar-Renju Unit stabbilew żona ta' kontroll ta' 10 km madwar l-azjenda affettwata u implimentaw politika ta' qerda sabiex tiġi kkontrollata l-preżenza tal-HPAI u titrażżan il-firxa ta' dik il-marda. Barra minn hekk, l-awtoritajiet veterinarji tar-Renju Unit ikkonfermaw li ssospendew minnufih il-ħruġ ta' ċertifikati veterinarji għall-kunsinni ta' komoditajiet maħsuba għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni mit-territorju kollu tar-Renju Unit, għajr għall-Irlanda ta' Fuq.
- (7) Ir-Renju Unit ippreżenta lill-Kummissjoni informazzjoni dwar il-qagħda epidemjoloġika fit-territorju tiegħu u dwar il-miżuri li ħa għall-prevenzjoni ta' aktar tixrid tal-HPAI, u l-Kummissjoni evalwatha. Abbażi ta' dik l-evalwazzjoni, jixraq li jitqiegħdu restrizzjonijiet fuq l-introduzzjoni fl-Unjoni tal-komoditajiet miż-żona f'Wales affettwata mill-HPAI, li l-awtoritajiet veterinarji tar-Renju Unit qiegħdu taħt restrizzjoni minħabba t-tifqigħa attwali.
- (8) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-entrata għar-Renju Unit fit-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 tiġi emendata biex titqies il-qagħda epidemjoloġika attwali f'dak il-pajjiż terz.
- (9) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 jiġi emendat skont dan.
- (10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 hija emendata f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Frar 2021.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

## ANNEX

Fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, l-entrata għar-Renju Unit hija sostitwita b'dan li ġej:

|                         |                           |   |  |         |          |           |           |   |   |  |
|-------------------------|---------------------------|---|--|---------|----------|-----------|-----------|---|---|--|
| "GB - Ir-Renju Unit (*) | GB-0                      | Il-pajjiż kollu   | SPF  |         |          |           |           |   |   |  |
|                         |                           |   | EP, E  |         |          |           |           |   |   |  |
|                         | GB-1                      | Il-pajjiż kollu tar-Renju Unit, minbarra ż-żona GB-2  | BPP, BPR, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 |         | N        |           |           |   | A |  |
|                         |                           |   | WGM  |         |          |           |           |   |   |  |
|                         |                           |   | POU, RAT                                     |         | N        |           |           |   |   |  |
|                         | GB-2                      | It-territorju tar-Renju Unit li jikkorrispondi għal:  |  |         |          |           |           |   |   |  |
|                         | GB-2.1                    | Il-Kontea ta' Yorkshire tat-Tramuntana: Iż-żona li tinsab f'ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrata f'WGS84 koordinati dek. N54.30 u W1.47 | BPP, BPR, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 |         | N<br>P2  | 1.1.2021  | 6.1.2021  |   | A |  |
|                         |                           |   | WGM  |         | P2       | 1.1.2021  | 6.1.2021  |   |   |  |
|                         |                           |   | POU, RAT                                     |         | N<br>P2  | 1.1.2021  | 6.1.2021  |   |   |  |
|                         | GB-2.2                    | Il-Kontea ta' Yorkshire tat-Tramuntana: Iż-żona li tinsab f'ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrata f'WGS84 koordinati dek. N54.29 u W1.45 | BPP, BPR, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 |         | N<br>P2  | 1.1.2021  | 8.1.2021  |   | A |  |
|                         |                           |   | WGM  |         | P2       | 1.1.2021  | 8.1.2021  |   |   |  |
|                         |                           |   | POU, RAT                                     |         | N<br>P2  | 1.1.2021  | 8.1.2021  |   |   |  |
|                         | GB-2.3                    | Il-Kontea ta' Norfolk: Iż-żona li tinsab f'ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrata f'WGS84 koordinati dek. N52.49 u E0.95                  | BPP, BPR, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 |         | N<br>P2  | 1.1.2021  | 10.1.2021 |   | A |  |
|                         |                           |   | WGM  |         | P2       | 1.1.2021  | 10.1.2021 |   |   |  |
|                         |                           |   | POU, RAT                                     |         | N<br>P2  | 1.1.2021  | 10.1.2021 |   |   |  |
|                         | GB-2.4                    | Il-Kontea ta' Norfolk: Iż-żona li tinsab f'ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrata f'WGS84 koordinati dek. N52.72 u E0.15                  | BPP, BPR, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 |         | N<br>P2  | 1.1.2021  | 11.1.2021 |   | A |  |
| WGM                     |                           |   |  | P2      | 1.1.2021 | 11.1.2021 |           |   |   |  |
| POU, RAT                |                           |   |  | N<br>P2 | 1.1.2021 | 11.1.2021 |           |   |   |  |
| GB-2.5                  | Il-Kontea ta' Derbyshire: | BPP, BPR, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20  |  | N<br>P2 | 1.1.2021 | 17.1.2021 |           | A |   |  |

|         |   |  |  |         |          |           |   |  |  |
|---------|---|--|--|---------|----------|-----------|---|--|--|
|         | Iż-żona li tinsab f'ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrata f'WGS84 koordinati dek. N52.93 u W1.57   | WGM  |  | P2      | 1.1.2021 | 17.1.2021 |   |  |  |
|         |   | POU, RAT                                     |  | N<br>P2 | 1.1.2021 | 17.1.2021 |   |  |  |
| GB-2.6  | Il-Kontea ta' Yorkshire tat-Tramuntana: Iż-żona li tinsab f'ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrata f'WGS84 koordinati dek. N54.37 u W2.16 | BPP, BPR, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 |  | N<br>P2 | 1.1.2021 | 19.1.2021 | A |  |  |
|         |   | WGM  |  | P2      | 1.1.2021 | 19.1.2021 |   |  |  |
|         |   | POU, RAT                                     |  | N<br>P2 | 1.1.2021 | 19.1.2021 |   |  |  |
| GB-2.7  | Il-Gżejjer Orkney: Iż-żona li tinsab f'ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrata f'WGS84 koordinati dek. N59.28 u W2.44                      | BPP, BPR, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 |  | N<br>P2 | 1.1.2021 | 20.1.2021 | A |  |  |
|         |   | WGM  |  | P2      | 1.1.2021 | 20.1.2021 |   |  |  |
|         |   | POU, RAT                                     |  | N<br>P2 | 1.1.2021 | 20.1.2021 |   |  |  |
| GB-2.8  | Il-Kontea ta' Dorset: Iż-żona li tinsab f'ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrata f'WGS84 koordinati dek. N51.06 u W2.27                   | BPP, BPR, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 |  | N<br>P2 | 1.1.2021 | 20.1.2021 | A |  |  |
|         |   | WGM  |  | P2      | 1.1.2021 | 20.1.2021 |   |  |  |
|         |   | POU, RAT                                     |  | N<br>P2 | 1.1.2021 | 20.1.2021 |   |  |  |
| GB-2.9  | Il-Kontea ta' Norfolk: Iż-żona li tinsab f'ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrata f'WGS84 koordinati dek. N52.52 u E0.96                  | BPP, BPR, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 |  | N<br>P2 | 1.1.2021 | 23.1.2021 | A |  |  |
|         |   | WGM  |  | P2      | 1.1.2021 | 23.1.2021 |   |  |  |
|         |   | POU, RAT                                     |  | N<br>P2 | 1.1.2021 | 23.1.2021 |   |  |  |
| GB-2.10 | Il-Kontea ta' Norfolk: Iż-żona li tinsab f'ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrata f'WGS84 koordinati dek. N52.52 u E0.95                  | BPP, BPR, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 |  | N<br>P2 | 1.1.2021 | 28.1.2021 | A |  |  |
|         |   | WGM  |  | P2      | 1.1.2021 | 28.1.2021 |   |  |  |
|         |   | POU, RAT                                     |  | N<br>P2 | 1.1.2021 | 28.1.2021 |   |  |  |
| GB-2.11 | Il-Kontea ta' Norfolk: Iż-żona li tinsab f'ċirku b'raġġ ta' 10,4 km, iċċentrata f'WGS84 koordinati dek. N52.53 u E0.66                | BPP, BPR, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 |  | N<br>P2 | 1.1.2021 | 7.2.2021  | A |  |  |
|         |   | WGM  |  | P2      | 1.1.2021 | 7.2.2021  |   |  |  |
|         |   | POU, RAT                                     |  | N<br>P2 | 1.1.2021 | 7.2.2021  |   |  |  |
| GB-2.12 | Il-Kontea ta' Devon:  |  |  | N       | 1.1.2021 | 31.1.2021 | A |  |  |

|         |  |  |  |         |           |           |   |  |  |
|---------|--|--|--|---------|-----------|-----------|---|--|--|
|         | Iż-żona li tinsab f'ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrata f'WGS84 koordinati dek. N50.70 u W3.36  | BPP, BPR, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 |  | P2      |           |           |   |  |  |
|         |  | WGM  |  | P2      | 1.1.2021  | 31.1.2021 |   |  |  |
|         |  | POU, RAT                                     |  | N<br>P2 | 1.1.2021  | 31.1.2021 |   |  |  |
| GB-2.13 | Viċin Amlwch, il-Ġżira ta' Anglesey, Wales:<br>Iż-żona li tinsab f'ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrata f'WGS84 koordinati dek. N53.38 u W4.30 | BPP, BPR, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20 |  | N<br>P2 | 27.1.2021 |           | A |  |  |
|         |  | WGM  |  | P2      | 27.1.2021 |           |   |  |  |
|         |  | POU, RAT                                     |  | N<br>P2 | 27.1.2021 |           |   |  |  |

(\*) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta' Fuq.”.